**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Jannar, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 1089/2020 AF**

**Raymond u Rita konjugi Portelli**

**vs**

**Marlon Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' l-atturi Raymond u Rita konjugi Portelli, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-partijiet surreferiti ffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Anton Borg, datat 25 ta' Settembru tas-sena 2015, fejn l-intimat ikkostitwixxa ruhu bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €114,000 – ftehim anness u mmarkat bhala Dok. A.

Ai termini ta' klawsola numru 1 tal-ftehim surriferit, l-intimat obbliga ruhu illi jhallas is-somma dovuta permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' mhux anqas minn €500 u dana fl-ewwel jum ta' kull xahar.

Il-konvenut naqas serjament minn dan l-obbligu tieghu li jhallas ir-ripagamenti mensili u hallas biss ammont irrizorju.

Ai termini ta' klawsola numru 3 tal-ftehim datat 25 ta' Settembru tas-sena 2015, l-intimat impenja ruhhu li jassigura l-persuna u l-proprjetà tieghu ma' kumpanija tal-assigurazzjoni ta' reputazzjoni tajba, fejn l-interess tar-rikorrenti kellu jigi annotat fuq il-polza tal-assigurazzjoni relattiva. Barra minn hekk, l-intimat awtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu kull assigurazzjoni li huma jidhrilhom xierqa a spejjez tal-intimat.

L-intimat naqas ukoll milli jhallas il-premium in konnessjoni mal-polza tal-assigurazzjoni bin-numru FP503963 mal-MSV Life u ghalhekk ir-rikorrenti gew kostretti sabiex jaffettwaw direttament huma l-hlasijiet tal-premium.

L-intimat gie mwissi diversi drabi sabiex ihallas dak kollu minnu dovut anke permezz ta' ittra ufficcjali datata 2 ta' Awwissu tas-sena 2018 hawn annessa bhala Dok. B madanakollu baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat kiser il-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti datat 25 ta' Settembru tas-sena 2015

2. Tiddikjara ghalhekk illi l-intimat tilef il-beneficcju ghall-hlasijiet rateali.

3. Tiddikjara li r-rikorrenti affettwaw diversi pagamenti in konnessjoni mal-polza tal-assigurazzjoni bin-numru FP503963 kif hawn fuq spjegat.

4. Tillikwida kwalsiasi ammont dovut mill-konvenut lir-rikorrenti.

5. Tiddikjara lill-konvenut Marlon Vella bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma hekk likwidata.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jivversa lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali, u tal-mandat ta' inibizzjoni intavolat kontestwalment ma' din il-kawza, kontra l-intimat li minn issa qieghed jigi ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Marlon Vella, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Mhuwiex minnu li l-eccipjenti ma baqax jonora l-kundizzjonijiet u t-termini elenkati fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Anton Borg datat 25 ta' Settembru tas-sena 2015.

Salv ghal xi xhur meta l-eccipjenti kellu mpenji finanzjarji ohrajn urgenti, l-eccipjenti dejjem ittrasferixxa l-ammont ta' €500 fix-xahar, u diversi drabi anki aktar minn dan l-ammont, f'kont bankarju li l-atturi ghandhom mal-Bank of Valletta plc, u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt is-smiegh tal-kawza.

Ai termini ta' klawsola numru 1 tal-ftehim surriferit, l-eccipjenti nghata l-beneficcju taz-zmien sabiex ihallas lura l-ammont mertu tal-att in kwistjoni.

Anki li kieku l-eccipjenti ma kienx qieghed jonora l-kundizzjonijiet u t-termini tal-att imsemmi, tali att ma jikkontemplax mekkanizmu li bih l-istess ammont dovut jista' jigi llikwidat.

Ma tezisti l-ebda kundizzjoni fil-att surriferit li tghid li jekk l-eccipjenti ma jottemprax ruhu mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess att, il-bilanc ghandu jigi llikwidat.

Mhuwiex minnu li l-eccipjenti naqas milli jhallas il-premia in konnessjoni mal-polza tal-assigurazzjoni mahruga mill-MSV Life in linea ma' dak rikjest ai termini tal-klawsola nurmu 3 tal-att surriferit, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

L-atturi ghandhom jindikaw l-Artikolu tal-Ligi relattiv taht liema qeghdin jivvantaw il-pretensjonijiet taghhom.

Il-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din il-kawża hija msejsa fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat bejn il-partijiet fil-25 ta' Settembru 2015 fl-atti tan-Nutar Anton Borg u permezz ta' liema l-intimat ikkostitwixxa ruħu bħala vera, ċert u likwidu debitur tar-rikorrenti għas-somma ta' €114,000 liema somma kienet

ġiet mislufa lilu brevi manu fis-sena 2014 sabiex ikun jista' jħallas djun li kellu ma' terzi.

Ai termini tal-imsemmi kuntratt il-konvenut obbliga ruħu illi "*pay the Creditors, who accept the full sum above stated by not later than **the first day of January of the year two thousand and thirty six [01/01/2036]** and the said repayments shall be made on a monthly basis of not less than five hundred Euros [€500] every month, payable on the first day of each month*".

Il-partijiet qablu wkoll illi s-self kellu jkun mingħajr imgħax sal-1 ta' Jannar 2036 b'dan illi jekk id-debitur jonqos milli jħallas xi parti mis-somma mislufa sal-1 ta' Jannar 2036 il-pagament fuq il-bilanċ rimanenti jkun soġġett għall-ħlas tal-imgħax.

Abbażi tal-istess ftehim id-debitur obbliga ruħu versu l-kredituri b'ipoteka ġenerali u speċjali fuq ġidu kif ukoll illi jikseb polza t'assikurazzjoni fuq il-persuna tiegħu u fuq il-proprjetà bil-għan illi jkunu maġġorment imħarsa l-interessi tal-kredituri.

L-ilment tar-rikorrenti huwa illi l-intimat kien moruż f'diversi pagamenti tad-dejn u tardiv fil-pagamenti tal-premium fuq il-polza tal-assikurazzjoni. Jgħidu għalhekk illi ai termini tal-Artikolu 1007 tal-Kap. 16 id-debitur tilef il-benefiċċju tat-terminu bil-konsegwenza li l-bilanċ rimanenti huwa dovut minnufih. Talbu għalhekk lill-Qorti tiddikjara illi l-intimat kiser it-termini u kondizzjonijiet kif pattwiti fil-kuntratt tal-25 ta' Settembru 2015, li tilef il-benefiċċju tal-ħlasijiet rateali u sabiex konsegwentement tillikwida l-ammont li sal-lum jirriżulta għadu dovut lir-rikorrenti u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ħlas tal-ammont likwidat.

L-eċċezzjoni prinċipali tal-intimat hija dik illi l-benefiċċju tat-terminu ma ntilifx għar-raġuni li fil-kuntratt ma tniżżlet ebda klawsola li tispeċifika x'jiġri f'każ ta' morożità. Jgħid ukoll illi il-ftehim kien maħsub b'tali mod li joffri flessibilità lid-debitur għaliex il-kredituri kien jafu tajjeb li d-debitur kien ser ikun f'sitwazzjoni fejn mhux dejjem seta' jonora l-pagamenti.

Il-kuntratt li ġie ffirmat fil-25 ta' Settembru 2015 jistipola li s-somma fl-intier għandha titħallas sa mhux aktar tard mill-1 ta'

Jannar 2036. Abbażi ta' dan il-ftehim, ir-rifużjoni ghandha ssir permezz ta' pagamenti rateali kull wieħed fis-somma ta' mhux anqas minn €500 fuq medda totali ta' 243 xahar. Konteġġ sempliċi juri li 243 x €500 iwasslu għal total ta' €121,500 liema ammont jiżboq is-somma ta' €114,00 li hija dovuta skont l-istess ftehim.

Fil-kontro-eżami tagħha r-rikorrenti Rita Portelli xehdet illi fil-mument li sar il-ftehim il-kalkolu sar b'mod u manjiera li s-self jitħallas lura fuq medda ta' 20 sena. Tgħid ukoll illi r-rikorrenti kkonċedew lill-intimat sena żejda bil-għan illi "*jekk ikun hemm xi sena minnhom f'diffikulta' ikollu naqra rih*." (a fol. 234)

Ir-rikorrenti t-tnejn xehdu li ma jifhmux il-lingwa Ingliża. Mistoqisja għala l-ftehim sar bl-ingliż Rita Portelli tgħid illi dan sar hekk għaliex in-Nutar li rrediġa l-ftehim kien qalilha li dawn it-tipi ta' kuntratti jsiru bl-Ingliż. Raymond Portelli xehed illi da parti tiegħu ħalla kollox f'idejn martu Rita Portelli madanakollu meta ġew għall-iffirmar tal-ftehim hu ffirma avolja jghid illi ma kienx fehem il-kontenut. Stqarr li dak inhar lin-Nutar ma kienx qallu li ma jifhimx bl-Ingliż.

Żgur illi jqum thassib dwar is-self brevi manu li fil-mument illi sar lanqas biss ġie kopert bi skrittura appożita għaliex din saret żmien wara li kienu diġà għaddew il-flus lill-intimat sabiex iħallas terzi li magħhom kellu d-dejn. Biss, għad illi l-Qorti għandha t-tħassib tagħha dwar dawn il-passaġġi ta' flus f'ammont konsiderevoli, dan ċertament illi mhuwiex il-mertu ta' din il-kawża u għalhekk dwar dan il-Qorti sejra tieqaf hawn. Madanakollu, il-Qorti tifhem it-tħassib tar-rikorrenti li rinfaccjati bil-morożità tal-intimat fil-pagamenti jridu jżommu fermi d-drittijiet tagħhom għar-rifużjoni tal-ammont jew aħjar irridu l-ħlas fl-intier mill-aktar fis. Fil-fatt, il-Qorti hija edotta mill-fatt li din ta' llum mhijiex l-ewwel proċedura legali mibdija mir-rikorrenti in kawtela tad-drittijiet tagħhom.

Ferm il-premess, hemm kunsiderazzjonijiet oħra li l-Qorti trid tagħmel għaliex naturalment il-Qorti trid timxi ma dak illi tgħid il-liġi u mhux ma' dak illi jixtiequ l-partijiet.

Il-Qorti tibda billi tgħid illi l-fatt li l-ftehim sar bl-Ingliż meta r-rikorrenti ma jifhmux b'din il-lingwa ċertament illi kien ta' żvantaġġ għar-rikorrenti. Madanakollu l-kawża tal-lum mhijiex tittratta l-validità tal-ftehim jew il-validità tal-kunsens tal-partijiet. Jekk ir-rikorrenti ma fehmux il-kontenut tal-ftehim din hija kwistjoni li riedet tiġi ndirizzata dak iż-żmien meta n-Nutar qara l-kontenut tal-att lill-partijiet.

Il-ftehim bejn il-partijiet huwa fil-fehma ta' din il-Qorti car bizzejjed. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-partijiet naqsu pależement milli jistabbilixxu termini u kondizzjonijiet li jirregolaw x'jiġri f'każ ta' morożità. Mill-banda l-oħra tqis ukoll illi dan aktarx illi ma sarx għaliex ir-rikorrenti riedu jikkonċedu flessibilità lill-intimat sabiex iħallas. Fil-fatt ix-xhieda tar-rikorrenti ma tħallix dubji dwar dan il-ħsieb, ħsieb li del resto jinsab rifless fit-termini tal-pagament. Il-Qorti tgħid dan għaliex lil kieku ma kienx hemm il-ħsieb tal-flessibilità, ir-rikorrenti ma kienux jikkonċedu lill-intimat terminu ta' 20 sena għall-pagament. Del resto, fuq medda t'20 sena il-pagament rateali bis-somma minn ta' l-anqas ta' €500 kien sejjer jirriżulta f'pagament ferm akbar minn dak realment dovut. Hawnhekk il-Qorti tqis ukoll illi għad li r-rikorrenti ma jifhmux bl-Ingliż huma fehmu li l-pagament kellu jsir fuq medda t'għoxrin sena fatt dan li kkonfermat ir-rikorrenti stess fix-xhieda tagħha. Il-Qorti għalhekk tqis għalhekk illi huwa tassew kontradittorju kif fuq il-ftehim ir-rikorrenti riedu jikkonċedu lill-intimat ċertu flessibilità imbagħad hawnhekk qegħdin jinsistu illi l-morożità fil-pagamenti għandha twassal għat-telfien tal-benefiċċju tat-terminu.

Fid-dawl ta' dak illi jirriżulta mill-ftehim innfisu u fid-dawl ta' dak illi xehdet mingħajr ebda tlaqliq ir-rikorrenti, il-Qorti tqis illi f'dan il-każ l-intimat ma jistax jingħad illi tilef il-benefiċċju tat-terminu. Fl-ewwel lok għaliex il-partijiet ma qablux dwar dak illi għandu jseħħ f'każ ta' morożità u fit-tieni lok għaliex ir-rikorrenti stess *qua* kredituri riedu jikkonċedu lill-intimat il-flessibilità sabiex iħallas.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati milli-intimat tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti *in toto*.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kawza, il-Qorti tordna li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG